# Anedotti fuq il-Professur P. Anastasju Cuschieri O.Carm

Patri Martin D. Schembri O.Carm



Fil-parroċċa tagħna ta' Fleur-de-Lys għandna triq li jisimha A. Cuschieri. Anastasju Cuschieri kien patri Karmelitan li mhux biss kien professur fl-Università Rjali ta' Malta imma wkoll kien senatur fil-parlament u poeta tal-Madonna u tal-kelma Maltija.

Il-kitbiet tiegħu għadhom igawdu minnhom, il-festa ta' San Ġużepp tar-Rabat u l-Imdina, dik tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema u dik tal-Kunċizzjoni ta' Bormla, li l-innijiet popolari tagħhom ħarġu mill-pinna ta' dan il-patri Karmelitan.

**L-Ewwel Aneddotu**

Meta fi żmienu kien ikun hemm xi simpożju jew xi ċentinarju, d-diskors prinċipali għid li dejjem kien jiġi mogħti lil Profs. Cuschieri. Mela kien ġej xi ċentinarju ta' Santa Elena u P. Anastasju kien qiegħed jippassiġġa fil-ġnien tal-Furjana fil-5.00p.m fis-16 ta' Awissu u għadda qassis minn ħdejh u qallu " bonpro għal pitgħada Profs". Dak ħares lejh u qallu "għalxiex?". L-ieħor wieġbu għal paniġierku ta' Santa Elena. Il-professur għaġġel għal kunvent tal-Belt u kera karozzin għal Birkirkara. Meta wasal qagħad iħares lejn is-saqaf. Fit-18 t'Awissu wara li spiċċa l-paniġierku ħafna daħlu fis-sagristija biex jagħtuh il-prosit. Fost dawk ta' madwaru kien hemm xi ħadd staqsieħ minn fejn ġab l-ispirazzjoni. U P Anastasju wieġeb "ħares lejn is-saqaf tal-kolleġġjata, fuq dak għamiltu, għax kont insejt li tawni dan il-paniġierku !"

**It-Tieni Aneddotu**

Fil-Kungress Ewkaristiku tal-1913, il-professur kien wieħed mill-kelliema prinċipali. Lejlet id-diskors il-Fra tela' fil-kamra tal-professur għall-ħabta tal-5.30p.m. u qallu "hawn Isqof u aħjar

tiġi tkellmu int". Il-professur niżel u ltaqa' ma' Isqof nobbli minn Vienna. P Anastasju dawwru l-kunvent u dam jitkellem miegħu imma ma qallux li hu kien se jkun wieħed mill-kelliema fil-kungress. P. Anastasju kellu ħafna għal qalbu l-inċizjonijiet, fil-fatt kien għadu kemm jixtri il-ħajja ta' San Pawl. Ma naqasx li jurih tnejn mill-isbaħ inizzjonijiet li hemm fil-kunvent tal-Belt; dik ta' Ġesu mejjet u oħra tal-kurċifiss.

L-għada meta l-Isqof sema' d-diskors ta P. Anastasju li ma kien miktub jew moqri fuq l-ebda karta, baqa' mistagħġeb. Meta bagħat għalih ma sabux għax kif kien jagħmel dejjem P. Anastasju kif lesta tewa l-kappa l-bajda tal-libsa tagħna f'maktur kbir iswed u ħareġ mill-bieb tal-ġenb tar-rotunda tal-Mosta u telaq lejn il-Belt.

Il-ġurnata ta' wara l-Isqof nobbli mar il-Belt biex jawguralu u wegħdu li ser jibagħtlu rigal hekk kif jasal Vienna. Wara xi xahar ir-rigal wasal. Kienu ħames inċizjonijiet kbar mill-ħajja ta' Ġesu li fihom l-arma imperjali tal-Awstrija .

**It-Tielet Aneddotu**

Fiċ-ċentinarju ta' San Albert il-Kbir, tal-Ordni tal-Predikaturi (Dumnikani) il-Professur Anastasju Cuschieri kien misieden jagħmel diskors fil-kunvent tad-Dumnikani tar-Rabat. Skond ma ġie rrappurtat, id-diskors ta' P. Anastasju kien l-aktar wieħed profond.

**Ir-Raba Aneddotu**

Meta kiber fl-eta`, għall-ħabta tas-snin 50, il-Professur qassar il-passiġata tiegħu. Issa kienet tkun mill-kunvent, li l-bieb tiegħu kien fi Triq it-Teatru għal toroq Żekka, San Mark, Forni u Teatru. Fi Triq Zekka, wara grada kien ikun hemm tifel ta' sentejn u dan kien jgħajjat "ġej il-Patri x-xiħ". Il-Professur kien jersaq lejh, ibuslu rasu u jgħidlu poeżija għat-tfal li kien kiteb bħal " waqt li Toninu eċċ". Dak it-tifel hu l-istess wieħed li kiteb dawn l-aneddoti.

*Dawn l-aneddoti sirt naf dwarhom minn P. Franco Falzon, Fra Rafel Mamo u ommi Lulu.*

